Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 49. Illum it-Tlieta, 3 ta' Frar 2009

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet***
***Gieh Mgarr 2009***
***Zjara mill-Eccellenza tieghu, il-President ta' Malta***
***Offerta ghal Sanitary ware ghall-estensjoni ta' L-Ufficcju amministrattiv***
***Affarijiet Mixxellanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 398.0 Approvazzjoni tal-Minuti

398.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

398.2 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 399.0 Korrispondenza

399.1 Il-Kunsill qabel li jhejji attivita sportiva nhar il-Hadd, 10 ta' Mejju, fl-okkazjoni tal-World Health Day. Sar qbil li jigu nvoluti l-ghaqdiet lokali ghal din l-attivita.

399.2 Il-Kunsill qabel li jippartecipa fl-iskema biex tiffacilita l-organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi mill-Kunsilli Lokali imnedija mis-Segretarji Parlamentari l-Onor Clyde Puli u l-Onor Chris Said. Il-Kunsill ghazel is-sezzjonijiet msejjha 'Divertiment fl-Orjentazzjoni' u 'Youths on the Move'. L-applikazzjoni se tintbaghat sa nhar il-gimgha 20 ta' Frar.

399.3 Il-Kunsill irceva l-programm imfassal minn Leon Promotions dwar il-karnival fl-Imgarr nhar il-Hadd, 22 ta' Frar. Kien hemm qbil unanimu ghal dan il-progamm. Il-Kunsillier David Battistino nforma li s-sottokumitat taz-zghazagh hareg bit-tema tas-60's u se jheggeg lill-pubbliku biex jilbes kostumi relatati ma din it-tema.

399.4 Il-Kunsill qabel li jixtri t-Tieni Volum tal-ktieb 'Watercolours of Malta' miktub minn Philip de Brockdorff.

399.5 Il-Kunsill qabel li jixtri l-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Il-Habs' ta' Edward Attard.

399.6 Giet innotata l-korrispondenza mill-Awtorita ta' l-Ippjanar, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

399.7 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

**400.0 Komunikazzjonijiet**

400.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill gie mghoti € 5000 bi premju mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Ambjent, peress li gie t-tielet fil-kollezzjoni ta' gbir ta' skart separat mid-djar. Kien hemm diskussjoni dwar il-fatt li l-Kunsill kien infurmat b'dan il-premju, b'telefonata, gurnata qabel il-jum tal-premjazzjoni.

400.2 Il-Kunsillier David Battistino, flimkien ma membru tas-Sottokumitat taz-zghazagh attendew ghal laqgha organizzata mill-MOC (Malta Olympic Committee) dwar Award li Kunsill jista' jirbah meta jorganizza attivita sportiv fir-rahal. Kien hemm qbil li ghalissa l-Kunsill ma jahsibx fuq din l-Award.

**401.0 Gieh Mgarr 2009**

401.1 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar l-ahhar arrangamenti u preparazzjonijiet li kellhom isiru ghall-Gieh Mgarr. Saru l-arrangamenti necessarji biex ikunu jistghu isiru r-rehearsals fl-iskola nhar il-Hamis, 5 ta' Frar.

401.2 Kien hemm qbil li l-Hamis, l-amministrazzjoni ccempel lill-persuni nvitati biex il-Kunsill ikun jaf kemm hemm attendenza u jirriserva s-siggijiet ghalihom.

**402.0 Zjara mill-E.T. il-President ta' Malta Dr Edward Fenech Adami**

402.1 Is-Sindku ghaddha kopja tal-programm approvat mill-Ufficcju ta' l-E.T. il-President ta' Malta lill-Kunsilliera ghall-attenzjoni taghhom.

402.2 Kien hemm qbil li l-Hadd, 7 ta' Frar, il-Kunsillieri jkunu prezenti ghall-quddiesa li se tkun ikkoncelebrata mill-Kappillan Dun Antoine Borg u ghaz-zjara li se jaghmel l-Ufficcju Amministrattiv aktar tard matul il-jum.

402.3 Il-Kunsillier Victoria Sammut se tkun qed takkumpanja lis-Sinjura Fenech Adami waqt il-programm taghha, flimkien mas-Sinjura Simone Vella.

**403.0 Sanitaryware ghall-estensjoni ta' l-Ufficcju Amministrattiv**

403.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li hija zaret it-tliet kumpaniji maghzula mill-Kunsill biex tara s-samples tas-sanitaryware li kienu kwotaw ghalih ghall-estensjoni ta' l-Ufficcju amministrattiv. Hija nfurmat li billi t-tliet kumpaniji maghzula ssottomettew l-offerta skond il-kriterji mitluba, il-Kunsill jista' jaghzel l-orhos offerta.

403.2 Wara diskussjoni fit-tul, sar qbil unanimu li t-toilets u s-sinkijiet jinxtraw mill-Bathroom Design, filwaqt li l-accessorji jinxtraw mill-kumpanija Blueline.

**404.0 Affarijiet Mixxellanji**

404.1 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni biex tigi organizzata Hill Climb fi Triq il-Gnejna, nhar is-Sibt fit-28 ta' Marzu, mill-Island Car Club.

404.2 Il-Kunsillier Agostino Ebejer informa li b'referenza ghall-proposta tal-Kunsill li tigi fis-sehh is-sistema tal-one way fil-laqgha tat-13 ta' Jannar, huwa kien sema' li numru ta' residenti ma kienux favur ta' din l-iskema ta' traffiku. Il-Kunsillier Victoria Sammut infurmat li numru ta' residenti kellmuha fuq dan l-istess punt. Il-Kunsill qabel unanimament li s-sistema tidhol fis-sehh kif pjanat fil-laqgha precedenti.

404.3 Kien hemm qbil li jigi ordnat l-isem ta' Triq il-Majjistral.

404.4 Il-Kunsillier David Battistino talab li jkun hemm linja safra faccata ta' garaxx u magembu fi Triq Santa Marija, fuq talba ta' residenta li ghandha diffikulta tohrog mill-garaxx taghha u parking bays fi Triq l-Vanilja. Il-Kunsill qabel li jistudja din il-possibilita u jiehu decizjoni f'laqgha segwenti.

404.5 Is-Sindku nforma li s-Sur Aaron Grech offra li jaghmel l-arrangamenti necessarji biex is-serata ta' Gieh Mgarr tkun imxandra fuq il-Website tal-Kunsill minghajr hlas. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

404.6 Il-laqgha ntemmet fl-10.00p.m.

404.7 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, fis-6.30 p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku